



Brussell, 29 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

11280/26

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0103 (NLE)**

---

---

**IPCR 73  
PROCIV 147  
FORETS 102**

### **EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ġestjoni integrata tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ġestjoni integrata tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ, kif adottata mill-Kunsill fl-4188 laqgħa tiegħu li saret fid-29 ta' Ġunju 2026.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-ġestjoni integrata tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 192 u 196, flimkien mal-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-snin reċenti, partikolarment matul is-sajf tal-2025, l-UE esperjenzat għadd ta' nirien severi fis-selvaġġ madwar l-Ewropa, li enfasizzaw il-ħtieġa urġenti li tittieħed azzjoni kontra dan il-periklu li dejjem qed jikber. Għalkemm l-isforzi ta' prevenzjoni u preparatezza kienu żdiedu kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni, iż-żona maħruqa kumulattiva fl-Unjoni Ewropea qabżet il-miljun ettaru għall-ewwel darba, u l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM)<sup>1</sup> ġie attivat aktar ta' spiss minn qatt qabel biex jipprovdi appoġġ għat-tifi tan-nar lill-Istati Membri.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili.

- (2) F'dawn l-aħħar snin, ir-riskju ta' nirien fis-selvaġġ żdied b'mod sinifikanti madwar l-Unjoni. Iż-żona maħruqa rreġistrata kienet oġġla mill-medja f'erbgħa mill-aħħar ħames snin, u n-nirien fil-foresti qed isiru wkoll aktar intensi u akbar, peress li ż-żoni esposti għar-riskju qed jespandu minħabba t-tibdil fil-klima. Is-sitwazzjoni hija aggravata aktar mill-fatt li l-intensità kbira ħafna u għolja tan-nirien fis-selvaġġ li huma diffiċli li jiġu kkontrollati b'mezzi tradizzjonali ta' tifi tan-nar, qed isiru aktar frekwenti f'xi żoni ġeografiċi, xejra li hija mistennija li tissokta.
- (3) In-nirien fis-selvaġġ jippreżentaw sfida kumplessa, bil-potenzjal li jikkawżaw ħsara estensiva lis-soċjetà, l-ekonomija, l-ambjent, il-klima, l-infrastruttura u l-wirt kulturali. Skont il-kundizzjonijiet reġjonali u lokali u l-iskala tal-avveniment, dawn jistgħu jirriżultaw fit-telf ta' ħajjiet u ta' għajxien, jagħmlu ħsara sinifikanti lill-proprjetà u lill-infrastruttura u jwasslu għal uqigħ tal-art, id-deterjorament tal-kwalità tal-arja u d-degradazzjoni tal-ekosistemi, filwaqt li jaffettwaw b'mod negattiv l-agrikoltura u l-forestrija, is-saħħa u s-sikurezza pubblika, inkluża s-saħħa mentali, u r-riżorsi tal-ilma tax-xorb.
- (4) Ir-riskju akbar ta' nirien fis-selvaġġ huwa ddeterminat prinċipalment minn taħlita ta' fatturi, speċjalment it-tibdil fil-klima u l-bidliet fil-ġestjoni tal-art. It-tibdil fil-klima jwassal għal mewġiet ta' sħana u nixfiet aktar frekwenti u aktar intensi, li jirriżultaw f'veġetazzjoni niexfa li tipprovdi fjuwil għan-nirien fis-selvaġġ, u b'aktar tisħin globali dawn il-kundizzjonijiet huma mistennija biss li jmorru għall-aġġar, u jolqtu wkoll partijiet akbar tal-Ewropa. Fl-istess ħin, l-abbandun tal-art, id-depopolazzjoni rurali u f'xi reġjuni l-ġestjoni insuffiċjenti tal-art u tal-foresti flimkien mat-tibdil fil-klima jwasslu għall-akkumulazzjoni tal-bijomassa u l-kontinwità tal-veġetazzjoni. Dan, flimkien mal-espansjoni taż-żoni urbani fil-foresti u fl-art selvaġġa, jesponi dejjem aktar lin-nies u lill-infrastruttura għal riskji ta' nirien fis-selvaġġ.
- (5) L-attività tal-bniedem tirrappreżenta l-maġġoranza l-kbira tat-tqabid tan-nirien fis-selvaġġ fl-Unjoni, inkluż permezz ta' negliġenza, ħruq doluż u attivitajiet relatati mal-infrastruttura.

- (6) Approċċ ta' gvern sħiħ għandu l-għan ta' governanza integrata u kkoordinata fil-livelli kollha, li tista' tikkontribwixxi għall-ġestjoni effettiva tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ.
- (7) Ir-responsabbiltà għall-ġestjoni tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ hija primarjament tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet reġjonali u tal-maniġers tal-art, filwaqt li l-Unjoni tipprovdi appoġġ permezz ta' finanzjament, data, koordinazzjoni u kondiviżjoni tal-għarfien. Il-pajsaġġi, l-istrutturi tal-foresti u l-kundizzjonijiet klimatiċi varjati tal-Ewropa jfissru li l-miżuri tal-ġestjoni tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ jeħtieġ li tiġi adattata lokalment filwaqt li tibbenefika minn appoġġ koordinat tal-Unjoni.
- (8) Biex jiġi indirizzat ir-riskju dejjem jikber ta' nirien fis-selvaġġ b'mod aktar effettiv, huwa meħtieġ approċċ integrat li jkopri ċ-ċiklu kollu tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, inklużi l-prevenzjoni, il-preparatezza, ir-rispons u l-irkupru. Jenħtieġ li dan iqis ukoll id-dimensjonijiet ekoloġiċi, soċjali, ekonomiċi u kulturali tan-nirien fis-selvaġġ.
- (9) Hekk kif in-nirien kbar fis-selvaġġ qed isiru aktar frekwenti u aktar diffiċli biex jiġu kkontrollati, l-abbiltajiet ta' rispons jeħtieġ li jissaħħu billi jittejjbu l-koordinazzjoni, l-interoperabbiltà, it-taħriġ, it-tagħmir u l-kapaċitajiet analitiċi kif ukoll billi l-Istati Membri jikkondividu r-riżorsi u l-għarfien espert.

- (10) Dan jista' jirrikjedi governanza msaħħa biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni tal-politika f'diversi livelli ta' amministrazzjoni, kif ukoll finanzjament aktar integrat u l-mobilizzazzjoni ta' investimenti pubbliċi u privati fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ġestjoni tar-riskju.
- (11) Jenħtieġ li l-irkupru ta' wara n-nirien ifittex li jiżgura li l-ekosistemi u s-servizzi li dawn jipprovdu, kif ukoll l-ekonomiji agrikoli u tal-forestrija jiġu rripristinati u l-komunitajiet u l-livelli tal-għajxien affettwati jirkupraw b'mod li jipprekludi d-degradazzjoni fit-tul u jappoġġa l-użu sostenibbli tal-art, filwaqt li jitqiesu kundizzjonijiet klimatiċi futuri<sup>2</sup>. L-isforzi ta' rkupru, appoġġati permezz ta' aċċess semplifikat għall-finanzjament, jenħtieġ iqisu wkoll l-impatti tan-nirien fis-selvaġġ fuq il-popolazzjonijiet affettwati u l-persunal ta' rispons. Il-ġbir tad-data dwar l-impatti tan-nirien fis-selvaġġ jeħtieġ li jittejjeb ukoll biex it-telf ambjentali, soċjetali u ekonomiku ikun jista' jiġi kkwantifikat biex jappoġġa l-ġestjoni tar-riskju futura.
- (12) Ir-riskji ta' nirien fis-selvaġġ huma fil-biċċa l-kbira ddeterminati mill-mod kif tiġi ġestita l-art. F'xi reġjuni, id-depopolazzjoni rurali u l-abbandun tal-art jirriżultaw fl-akkumulazzjoni tal-bijomassa u fil-ħolqien ta' pajsaġġi b'potenzjal għoli għal imġiba estrema ta' nirien. L-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur vijabbli b'bażi bijoloġika fil-kuntest ta' bijoekonomija sostenibbli bbażata fuq il-foresti joħloq inċentivi ekonomiċi għall-ġestjoni sostenibbli attiva tal-foresti, li hija essenzjali biex jitnaqqas ir-riskju ta' nirien fis-selvaġġ maż-żmien u f'żoni kbar. Il-prattiki tradizzjonali li jnaqqsu t-tagħbija tal-fjuwil, bħall-ħruq preskritt u l-mergħa estensiva, naqsu iżda jenħtieġ li jiġu mħeġġa, fejn xieraq, bħala parti integrali mill-ġestjoni tal-art u tal-foresti fil-livell lokali, kif ukoll interventi attivi ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti bħal operazzjonijiet manwali jew mekkanizzati ta' tneħħija ta' ħaxix ħażin, qtugħ li jnaqqas l-ammont ta' siġar, iż-żbir u d-diversifikazzjoni tal-ispeċijiet. Pajsaġġi aktar diversi li jikkonsistu f'foresti, artijiet bil-ħaxix, artijiet tal-għelejjel u artijiet mistagħdra jistgħu jnaqqsu t-tixrid tan-nirien u jnaqqsu l-probabbiltà ta' nirien fuq skala kbira.

---

<sup>2</sup> Kif deskritt fost l-oħrajn fis-sommarju taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-2026, *Forest resilience against wildfires* (Ir-reżiljenza tal-foresti kontra n-nirien fis-selvaġġ), <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC145919>.

- (13) Il-ġestjoni adattiva tal-art u l-ippjanar olistiku tal-pajsaġġ u tal-użu tal-art huma essenzjali biex jinħolqu pajsaġġi multifunzjonali reżiljenti għan-nirien. Dan jinkludi l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, l-appoġġ għall-għajxien rurali u miżuri mmirati fl-interfaċċa bejn il-foresti u ż-żoni urbani, fejn il-miżuri ta' prevenzjoni jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti r-riskji ta' nirien fis-selvaġġ.
- (14) Il-protezzjoni tan-natura u r-restawr ta' ekosistemi degradati, skulati, frammentati jew mibdula b'xi mod ieħor jistgħu jikkontribwixxu għall-ġestjoni tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ billi jagħmlu l-ekosistemi aktar reżiljenti u jnaqqsu r-riskju u l-impatti ta' avvenimenti estremi. Ir-restawr tal-artijiet mistagħdra, tat-torbieri, tax-xmajjar u tal-pjanuri tal-għargħar jista' joħloq, fejn xieraq, interruzzjonijiet naturali min-nirien u jgħin biex jiġu stabbilizzati ċ-ċikli idriċi, u b'hekk jitnaqqsu r-riskji ta' nirien fis-selvaġġ. Għalhekk, l-oġettivi tal-biodiversità, tar-reżiljenza tal-ilma u tal-ġestjoni tar-riskju tan-nirien fis-selvaġġ jikkoinċidu u jenħtieġ li jiġu segwiti b'mod ta' appoġġ reċiproku u sinerġistiku.
- (15) Il-monitoraġġ tan-nirien fis-selvaġġ u l-valutazzjoni tar-riskju fl-Unjoni jiffaċċjaw sfidi konsiderevoli, inklużi nuqqasijiet reġjonali fid-disponibbiltà tad-data, fil-konsistenza u fl-integrazzjoni transfruntiera u integrazzjoni insuffiċjenti ta' riskji kaskata bħal uqigħ tal-art, tniġġis tal-arja u erożjoni tal-ħamrija. Dan jillimita l-effettività tal-prevenzjoni, il-preparatezza u r-rispons.
- (16) Biex tittejjeb il-preparatezza billi jissaħħu l-metodi ta' valutazzjoni tar-riskju tan-nirien fis-selvaġġ, jissaħħu s-sistemi ta' twissija bikrija u jiġu estiżi l-kapaċitajiet ta' mmudellar tal-imġiba f'każ ta' nirien, jenħtieġ li jsir użu aħjar u aktar sistematiku mid-data u l-għodod disponibbli biex jiġi appoġġat it-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza.
- (17) Ir-riskju ta' nirien fis-selvaġġ jista' jitnaqqas billi tingħata spinta lis-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u jithegħgu bidliet fl-imġiba, fost affarijiet oħra billi l-informazzjoni dwar ir-riskju ta' nirien issir aktar aċċessibbli faċilment. Dan jirrikjedi wkoll strateġiji ta' komunikazzjoni mmirati u approċċi inklużivi li jqisu gruppi vulnerabbli u diversi kuntesti soċjali.

- (18) Il-preparatezza tal-komunitajiet għan-nirien fis-selvaġġ jenħtieġ tissaħħaħ b'mod parteċipattiv, bl-involvement tal-bdiewa, il-forestiera, l-awtoritajiet lokali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra, kif ukoll permezz ta' attivitajiet ta' edukazzjoni, taħriġ u sensibilizzazzjoni.
- (19) In-nirien fis-selvaġġ huma fenomenu globali li jitlob kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali, b'mod partikolari mal-pajjiżi ġirien tal-Unjoni. Inizjattivi reġjonali, bħall-Istazzjon Reġjonali Ċiprijott għat-Tifi tan-Nirien mill-Ajru (Cyprus Regional Aerial Firefighting Station, CRAFS), jistgħu jippromwovu aktar il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ. Inizjattivi oħra li jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju tan-nirien fis-selvaġġ jenħtieġ li jiġu kkunsidrati f'partijiet oħra tal-Unjoni.
- (20) Miżuri bħal rieżamijiet bejn il-pari, missjonijiet konsultattivi, skambji ta' esperti u l-pożizzjonament minn qabel tal-assi tat-tifi tan-nar jistgħu jgħinu biex tingħata spinta lill-interoperabbiltà, l-għarfien tas-sitwazzjoni u d-disponibbiltà tal-persuna tal-ewwel rispons. Dawn jinkoraġġixxu wkoll impenn aktar b'saħħtu u koordinazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri.

- (21) Biex jintużaw b'mod effettiv, il-finanzjament tal-Unjoni, l-appoġġ tekniku u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u tad-data f'ħin reali – b'mod partikolari dwar l-imġiba tan-nirien fis-selvaġġ – jeħtieġ li jiġu kkoordinati aħjar. Barra minn hekk, fejn xieraq, it-teħid ta' deċiżjonijiet jista' jittejjeb billi jiġi ffaċilitat fehim komuni tal-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u reġjonali għall-ġestjoni tar-riskju ta' nirien fil-foresti. Id-data, l-ġhodod u s-servizzi tal-Unjoni, bħal dawk ipprovduti mis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar in-Nirien fil-Foresti (European Forest Fire Information System, EFFIS), imħaddma taħt is-Servizzi ta' Ġestjoni ta' Emerġenzi ta' Copernicus<sup>3</sup>, jistgħu jappoġġaw lill-Istati Membri fit-tisħiħ tal-monitoraġġ, l-immappjar u l-valutazzjoni tar-riskju tan-nirien fis-selvaġġ, filwaqt li ġhodod avvanzati ta' mudellar u tbassir bħal Destinazzjoni d-Dinja jistgħu jtejjbu l-immudellar u l-prospettiva tar-riskju tan-nirien fis-selvaġġ.
- (22) L-istrumenti tal-Unjoni, inkluża l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>4</sup>, jipprovdu appoġġ lill-Istati Membri fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tar-riformi, fit-tisħiħ tal-governanza u fil-bini tal-kapaċitajiet fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ.
- (23) Il-UCPM, li jinkludi r-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili, rescEU u n-Network tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili, jista' jsaħħaħ il-prevenzjoni, il-preparatezza u r-rispons billi jiffaċilita l-kooperazzjoni, it-taħriġ, l-iskambju ta' għarfien espert, l-użu tar-riżorsi u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri.

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE.

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

- (24) Ir-riċerka u l-innovazzjoni appoġġati fil-livell tal-Unjoni, inkluż permezz ta' Orizzont Ewropa<sup>5</sup>, jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, soluzzjonijiet operazzjonali u tekniki ta' ġestjoni tal-art. Madankollu, l-adozzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni ta' dawn ir-riżultati fil-ġestjoni tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ jistgħu jittejbu.
- (25) Fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq il-profilu tar-riskju differenti tan-nirien fis-selvaġġ, ix-xejriet tal-użu tal-art u s-sistemi ta' governanza tal-Istati Membri.

#### JIRRAKKOMANDA:

Miżuri li jipprekludu nirien fis-selvaġġ permezz ta' ġestjoni u restawr tal-pajsaġġ

1. L-Istati Membri jenħtieġ isaħħu u, fejn xieraq, jespandu l-mekkaniżmi ta' inċentivi biex jappoġġaw il-prevenzjoni relatata mal-ġestjoni sostenibbli tal-art u r-restawr f'reġjuni suxxettibbli għan-nirien filwaqt li jqisu ċ-ċiklu sħiħ tal-ġestjoni tar-riskju, u jiffaċilitaw l-aċċess u l-użu effettiv tal-istrumenti ta' finanzjament disponibbli tal-UE taħt il-ġestjoni tagħhom.

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013.

2. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippromwovu aktar il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti f'konformità mal-kriterji u l-indikaturi tal-Konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa (Forest Europe) u f'dak il-kuntest, fejn rilevanti u possibbli, inkluż permezz ta' pjanijiet ta' ġestjoni preventiva lokali għal żoni ta' msaġar esposti, il-promozzjoni ta' strutturi differenti tal-foresti, u fejn possibbli, l-użu ta' alternattivi għal pjantaġġuni monokulturali ta' speċijiet li jaqbdun malajr ħafna.
3. Fejn xieraq, l-Istati Membri jistgħu jimmappjaw it-tagħbija tal-fjuwil u jfasslu linji gwida u għodod għall-ġestjoni tad-domanda tal-fjuwil adattati lokalment u jenħtieġ jikkonsultaw lill-imsieħba soċjali, lis-sidien tal-foresti u lill-maniġers tal-foresti, u lill-awtoritajiet lokali f'din il-ħidma. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri jħarsu lejn il-ħruq preskritt jew ikkontrollat fejn xieraq u f'konformità mar-rekwiżiti legali u tas-sikurezza bħala mod kif titnaqqas id-domanda tal-fjuwil fil-ġestjoni tal-art u tal-foresti u, fejn xieraq jirrieżaminaw ir-regoli tal-għoti tal-permessi tagħhom biex jiżguraw salvagwardji xierqa tas-sikurezza u ekoloġiċi.

4. F'konformità mal-pjanijiet strateġiċi tagħhom skont il-politika agrikola komuni<sup>6</sup>, jenħtieġ li l-Istati Membri, fejn rilevanti, jqisu l-isfidi speċifiċi tan-nirien fis-selvaġġ meta joħorġu sejnhiet għal proposti għal soluzzjonijiet ta' modalità mfassla apposta għall-ġestjoni integrata tar-riskju tan-nirien fis-selvaġġ skont is-Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni (European Innovation Partnerships, EIP-AGRI).
5. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw ir-riskju ta' nirien fis-selvaġġ meta jiżviluppaw pjanijiet u strateġiji nazzjonali, reġjonali u lokali għall-konservazzjoni tan-natura, inklużi pjanijiet nazzjonali ta' restawr u pjanijiet ta' ġestjoni għal żoni protetti kif ukoll meta jimplimentaw miżuri ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima. Bl-istess mod, l-ippjanar tal-ġestjoni tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ jenħtieġ iqis l-oġġettivi tal-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, filwaqt li jqis ukoll il-kundizzjonijiet klimatiċi futuri. Filwaqt li jitqies il-livell ta' riskju, jenħtieġ li ssir enfasi fuq miżuri li jipromwovu kemm il-prevenzjoni tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ kif ukoll il-protezzjoni u r-restawr tan-natura filwaqt li jiġi rikonoxxut li ekosistemi b'saħħithom, diversi u ġestiti tajjeb jistgħu jnaqqsu r-riskju u jappoġġaw l-irkupru.
6. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkunsidraw li jieħdu miżuri biex jirrestawraw l-artijiet mistagħdra, it-torbieri, ix-xmajjar u l-pjanuri tal-ġhargħar li jgħinu wkoll biex jitnaqqsu r-riskji ta' nirien fis-selvaġġ u, fejn xieraq, jintegraw il-ġestjoni tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ fil-politiki tagħhom dwar il-ġestjoni tal-ilma.
7. L-Istati Membri huma mħeġġa, fejn xieraq, jimplimentaw miżuri innovattivi għall-preklużjoni tan-nirien fis-selvaġġ bbażati fuq l-art, inklużi soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, u prattiki effettivi fil-biedja sostenibbli u fil-ġestjoni sostenibbli u l-adattament għat-tibdil fil-klima tal-foresti li ntwerew b'suċċess, inkluż f'diversi proġetti ffinanzjati mill-UE.

---

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jstabilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jifasslu mill-Istati Membri skont il-politika agrikola komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013.

Miżuri biex tissaħħaħ il-preparatezza permezz ta' data u riċerka aħjar

8. L-Istati Membri huma mħeġġa jipparteċipaw fl-iżvilupp u l-promozzjoni ta' Destinazzjoni d-Dinja, pereżempju permezz ta' każijiet ta' użu pilota għall-immudellar u l-prospettiva tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ.
9. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu użu aħjar u aktar sistematiku mill-għodod u d-data tal-Unjoni, inkluż is-Servizzi ta' Copernicus u l-EFFIS, fejn xieraq u f'komplementarjetà mas-sistemi nazzjonali u reġjonali, biex jappoġġaw il-ġestjoni tar-riskju tan-nirien fil-selvaġġ bbażata fuq l-evidenza, it-twissija bikrija u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament tal-proġetti.
10. L-Istati Membri jenħtieġ li jaġġornaw il-valutazzjonijiet tar-riskju tan-nirien fis-selvaġġ tagħhom fejn xieraq u, filwaqt li jibnu fuq il-metodoloġiji eżistenti, jużaw għodod imtejba għall-analiżi tal-imġiba fin-nirien biex jiddeżinjaw oqsma ta' prijorità għall-prevenzjoni u t-tħejjija, inkluż ukoll għal żoni fejn in-natura, ir-rikreazzjoni, l-akkomodazzjoni, l-infrastruttura kritika u n-networks tat-trasport huma minsuġa mill-qrib.
11. L-Istati Membri jenħtieġ jiżviluppaw kapaċitajiet ta' analiżi tal-imġiba tan-nirien fis-selvaġġ u sistemi ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet skont il-ħtiġijiet operazzjonali nazzjonali, inkluż l-użu ta' għodod innovattivi għal finijiet ta' ġestjoni tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ.
12. Jenħtieġ li l-Istati Membri jinvestigaw aktar il-kawżi tan-nirien fis-selvaġġ biex jifhmu aħjar il-fatturi ta' tqabid u r-rwol tal-pubbliku.
13. L-Istati Membri huma mħeġġa jkomplu r-riċerka fil-prattiki tal-ġestjoni tal-art għall-preklużjoni tan-nirien, b'mod partikolari dwar il-ġestjoni tal-foresti, il-konservazzjoni u r-restawr tal-ekosistema, il-mergħa u l-agroforestrija.
14. Jenħtieġ li l-Istati Membri, kif meħtieġ, jagħmlu użu akbar mis-soluzzjonijiet u l-għodod biex isaħħu s-sistemi ta' twissija bikrija, u l-preparatezza tal-komunità kontra n-nirien fis-selvaġġ pprovduti permezz tal-Missjoni tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima.

## Miżuri ta' sensibilizzazzjoni u preparatezza tal-popolazzjoni

15. Jenħtiegħ li l-Istati Membri jqajmu kuxjenza fost il-bdiewa, il-forestiera, il-maniġers tal-art u l-komunitajiet lokali l-oħra dwar ir-riskji ta' tqabbid tan-nar u l-miżuri ta' prevenzjoni u jinvolvuhom fl-iżvilupp u l-użu ta' għodod ta' detezzjoni bikrija tan-nar.
16. Jenħtiegħ li l-Istati Membri jinkoraġġixxu b'mod attiv l-iskambju regolari ta' ħaddiema tat-tifi tan-nar biex jippromwovu kultura Ewropea komuni ta' preparatezza.
17. L-Istati Membri huma mħeġġa jesploraw li jkomplu jibnu fuq is-sistemi edukattivi u l-kurrikuli eżistenti b'għodod innovattivi għas-sensibilizzazzjoni fost it-tfal u ż-żgħażaġħ, bħal-logħob edukattiv jew il-kampanji tal-media soċjali u jagħmlu disponibbli materjali rilevanti għall-edukazzjoni u l-programmi ta' sensibilizzazzjoni pubblika.
18. Jenħtiegħ li l-Istati Membri jħeġġu lill-operaturi tat-turiżmu, lill-bdiewa, lill-forestiera, lill-maniġers tal-art, lill-awtoritajiet lokali u lill-esperti l-oħra tas-sikurezza kontra n-nirien biex jikkooperaw ħalli t-turisti jsiru aktar konxji tar-riskju.
19. Jenħtiegħ li l-Istati Membri jappoġġaw il-kontinwità tan-negozju billi jippromwovu t-taħriġ għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u joffru assistenza finanzjarja mmirata wara diżastru. Jenħtiegħ li huma jinkoraġġixxu wkoll lill-kumpaniji tal-assigurazzjoni biex jippermettu l-ħlas rapidu tal-pretensjonijiet.
20. Fejn meħtiegħ, l-Istati Membri jenħtiegħ jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti dwar ir-riskju ta' nirien fis-selvaġġ tkun faċilment aċċessibbli u inklużiva, inkluż għall-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabilità u l-persuni li jiffaċċjaw diskriminazzjoni, faqar jew esklużjoni soċjali.
21. Jenħtiegħ li l-Istati Membri jintegraw il-kunsiderazzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskju tan-nirien fis-selvaġġ fl-istandards tal-bini u fid-deċiżjonijiet dwar l-ippjanar spazjali, filwaqt li jikkollaboraw ukoll mal-awtoritajiet rilevanti, biex jindirizzaw pereżempju l-ġestjoni tar-riskji ta' nirien fis-selvaġġ fl-interfaċċa urbana-selvaġġa.

22. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu miżuri biex jappoġġaw lill-komunitajiet lokali f'żoni ta' interfaċċa urbana-selvaġġa biex isaħħu l-preparatezza u s-sensibilizzazzjoni għar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu użu, fejn xieraq, mill-għodod eżistenti fil-livell tal-Unjoni.
23. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkondividu b'mod attiv il-prattiki u t-tagħlimiet tajba meħuda dwar is-sensibilizzazzjoni tal-popolazzjoni, il-miżuri ta' preparatezza, il-prevenzjoni u l-azzjonijiet li jkopru ċ-ċiklu kollu tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, inkluż permezz tan-Network ta' Għarfien tal-UCPM, il-laqgħat dwar it-tagħlimiet meħuda u l-gruppi ta' esperti rilevanti.

#### Miżuri għall-appoġġ ta' rispons ikkoordinat

24. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġbru u jikkondividu data f'ħin reali dwar l-imġiba tan-nirien fis-selvaġġ biex itejbu l-analiżi tan-nirien. L-indikaturi tan-nirien rilevanti jenħtieġ li jintużaw ukoll fi proċeduri operazzjonali interni għat-talba ta' assistenza u għall-appoġġ tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat li r-riżorsi mobilizzati jintużaw b'mod effiċjenti.
25. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu użu mill-pożizzjonament minn qabel jew mill-iskambju ta' esperti u jipprovdu persunal u esperti lill-UCPM biex jippermettu l-kondiviżjoni ta' Prattiki tajbin. Jenħtieġ li huma jsaħħu wkoll il-kapaċitajiet ta' appoġġ tan-nazzjon ospitanti tagħhom bil-ħsieb li jintegraw l-assistenza internazzjonali offruta permezz tal-UCPM fis-sistemi ta' rispons nazzjonali tagħhom.
26. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġbru data rilevanti dwar il-persunal tat-tifi tan-nar u jivvalutaw il-ħtiġijiet tal-forza tax-xogħol u l-kapaċità operazzjonali, filwaqt li jqisu kif xieraq in-natura staġjonali tal-attivitajiet tat-tifi tan-nar, biex jiżguraw id-disponibbiltà ta' forza tax-xogħol ta' daqs idoneu u mħejjija sew.
27. Bl-involvement tas-sħab soċjali kif rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u sostenibbli għall-ħaddiema tat-tifi tan-nar u għal persuni oħra ta' rispons kif xieraq, inkluż permezz ta' taħriġ adegwat, tagħmir protettiv u appoġġ għas-saħħa fiżika u mentali.

28. Jenħtieġ li l-Istati Membri jsaħħu l-koordinazzjoni bejn il-livelli ta' governanza biex jiżguraw għarfien ottimali tas-sitwazzjoni matul l-emerġenzi.
29. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw id-disponibbiltà ta' biżżejjed assi, inkluż billi fejn xieraq jagħmlu użu mill-fondi tal-Unjoni. Fejn rilevanti, l-użu ta' fondi tal-Unjoni jenħtieġ jgħinu jappoġġaw distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata tal-assi rilevanti madwar l-Unjoni, filwaqt li jiżguraw kopertura u ħinijiet ta' rispons adegwati fir-reġjuni kollha tal-UE.
30. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jimpenjaw assi u għarfien espert fit-tifi tan-nar għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili, fejn dan ikun proporzjonat għall-profil tar-riskju u l-kapaċitajiet tagħhom. Dan japplika, iżda mhux esklużivament, għall-assi akkwistati bl-appoġġ tal-finanzjament tal-Unjoni.
31. Jenħtieġ li l-Istati Membri jfittxu li jtejbu l-interoperabbiltà tat-tagħmir tat-tifi tan-nar, inkluż it-terminoloġija tat-tifi tan-nar u l-proċeduri operazzjonali, b'mod partikolari fir-reġjuni transfruntiera. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ ifittxu li jappoġġaw l-awtonomija strateġika tal-UE f'termini ta' kapaċitajiet ta' rispons.

#### Miżuri ta' rkupru wara n-nirien

32. L-Istati Membri jenħtieġ jiġbru data transsettorjali u soċjodemografika addizzjonali biex jikkwantifikaw u jivvalutaw l-impatti fiżiċi, finanzjarji u fuq is-saħħa tan-nirien fis-selvaġġ, inkluż fir-rigward tal-esponiment operazzjonali u ambjentali, jekk ikun xieraq.
33. L-Istati Membri jenħtieġ li jidentifikaw miżuri u proċeduri ta' rkupru wara n-nirien, inkluż fir-rigward tal-appoġġ għas-saħħa fiżika u mentali, bil-ħsieb li jiggwidaw lill-komunitajiet lokali lejn irkupru sostenibbli u inklużiv, li jgħin biex jiġi żgurat li jkunu aktar reżiljenti fil-futur.

## Miżuri biex jissaħħu l-governanza u l-finanzjament

34. Jenħtiegħ li l-Istati Membri, jippjanaw u jrendu disponibbli kif meħtiegħ, finanzjament fit-tul fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ġestjoni tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ, b'attenzjoni partikolari għall-prevenzjoni u l-preparatezza, u huma mħeġġa jagħmlu użu mill-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni, filwaqt li jevitaw piż amministrattiv bla bżonn. Jenħtiegħ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jqajmu kuxjenza dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli.
35. Jenħtiegħ li l-Istati Membri jikkunsidraw li jinċentivaw l-adozzjoni ta' assigurazzjoni privata li tkopri r-riskji ta' nirien fis-selvaġġ u riskji klimatiċi oħra sabiex inaqqsu t-telf ekonomiku u l-perssjoni fiskali mid-diżastri u jappoġġaw l-irkupru, pereżempju billi jipromwovu r-rikonossiment mill-assiguraturi ta' miżuri ta' adattament, preparatezza u prevenzjoni meta jstabilixxu primjums, permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati jew permezz tal-kondiviżjoni tar-riskju bejn l-atturi ekonomiċi, bħat-trasferimenti tar-riskju għas-swieq kapitali.
36. L-Istati Membri jenħtiegħ jiżviluppaw strateġiji integrati għall-ġestjoni tar-riskju tan-nirien fis-selvaġġ u pjanijiet ta' azzjoni mfassla għaċ-ċirkostanzi reġjonali, nazzjonali jew lokali f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti.
37. Jenħtiegħ li l-Istati Membri jħaddnu teknoloġiji u innovazzjonijiet ġodda u jużawhom, inkluż permezz ta' għotjiet għall-bini tal-kapaċitajiet taħt programmi rilevanti tal-UE, jekk ikun xieraq.
38. L-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-appoġġ ipprovdut permezz ta' inizjattivi tal-Unjoni biex isaħħu s-sistemi ta' twissija bikrija, l-valutazzjonijiet tar-riskju, l-iskambju tal-għarfien u l-prattiki tajbin, il-preparatezza tal-komunità u kwalunkwe qasam ta' prijorità identifikat ieħor.

## Miżuri li jsaħħu l-impenn internazzjonali

39. Jenħtiegħ li l-Istati Membri jfittxu li jkomplu jsaħħu l-kooperazzjoni fil-ġestjoni tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ mas-sħab internazzjonali.

40. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkontribwixxu u joħolqu sinerġiji biex jappoġġaw inizjattivi li jistgħu jippromwovu aktar il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ.
41. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkollaboraw aktar ma' Forest Europe u mal-Faċilità għar-Riskju tal-Foresti (FoRISK) tagħha li għadha kif ġiet stabbilita u jikkooperaw, fejn xieraq, ma' inizjattivi internazzjonali rilevanti, bħaċ-Ċentru Globali għall-Ġestjoni tan-Nirien żviluppat b'mod konġunt mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura (FAO) u l-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP), biex jippromwovu l-bini tal-kapaċitajiet u l-iskambju tal-għarfien dwar il-ġestjoni integrata tar-riskju tan-nirien fis-selvaġġ.

Magħmul fil-Lussemburgu,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*